# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

Giebha żeŭġ dac li gharaf hallat il helu ma'l meħtieġ.

Il Poeta latin Orazju.

**23.** **6 TA' FRAR 1909.** **L-EUUEL SENA**

## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieh tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Hadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament.

Il manoscritti ma 'nreġġħuhomx lura.

L-ittri għandhom jinbagħtu collha T'as-Sliema, 12, Strada S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc.

A. Levanzin B.A., C.F., P.L. *Direttur-Proprietarju.*

# Il Lampic

Ŭieħed ħabib tagħna u li jrid b'il fors jinħeba taħt l-isem ta "Inguterra" bagħatli dana l-articolu sabiħ; u billi issa il Marchis u Avucat Mattei kankal kuddiem il Consill il qŭestioni ta'd-distillazjoni u billi jiena ucoll ctibt chemm il darba fuk dana bħala ŭaħda m'il l-actar industriji ta'fejda li jista jcollna, u billi Inguterra jakbel ħafna f'il fehma tiegħu miegħi, ma ridtx nitlef dana l-articolu biex nippica miegħu biex igib ismu u naħseb li ma tatunix tort.

Għaldakstant ħarsu biss lejn dac li kal u m'hux lejn min kalu u fittxu li minn dana it-tagħlim li kiegħdin ingibulcom fuk l-industriji icollcom xi gid. L-articolu hu dan:—

"Min jaf, jaħasra, x'gid cbir, x'eluf ta'liri kiegħdin jintilfu cull sena! Min jaf x'teżori ħiergin minn Malta biex jittieclu m'il ħaddiema barranin, f'il ŭakt li bosta u bosta Maltin kiegħdin b'idejhom fuk żakkhom, ibatu il ġuħ! U min hu il ħtija ta' dana collu? Il Gvern u xi Cunsilieri, ħadd iżjed. Iżda billi nokogħdu nitbeccheŭ, ma nagħmlu xejn. Jinħtieġ li naraŭ ftit mnejn hu gej il mard u d'il ħsara collha li kiegħda tfakkar lil maħbuba gżira tagħna.

Bosta huma daŭc il ħŭejjeġ li minnhom jista jingibed li spirtu, u li kiegħdin jintilfu u jinħleŭ minngħajr ma jatu l-ebda għajnuna lil poplu. F'id-dħul ta'Marzu, ŭakt il ftuħ ta'ż-żaħar ta'l-laringi kares, il Gvern jati permess lil x'uħud biex jillampicaŭ iż-żaħar, u jiġbdu minnu l'ilma-żaħar, u il Gvern jarġa jiġbor il-lampichijiet, biex jeŭŭilla ma jsirx xi contrabandu!

Irrid niftaħ fl'istess ħin' għajnejn daŭc collha li jħobbu jmorru il Marsa jaraŭ il-logħob li il geŭŭa m'it-tabelli, scond in-notificazzjoni ta'l Gvern, ma jista jidħol ħadd għaliex il Pulizija tista tagħmillu citazzjoni, bħal ma nitma li tibda tagħmel jecc il-ligijiet iridu li jcunu miżmuma b'ħaġa serja u-m'hux bħala arma contra min xi pulizija tcun trid tieħodha.

Froġa oħra għamel l-istess Spettur Calleja f'il caŭsa ta' Spiru Lotter ta'l "Blue Bells" ta'l Marsa meta ħarrcu għaliex xbejba li rabba hu raŭha għal ftit ħin f'il ħanut tiegħu. Il-ligi ma tridx li jibkgħu xebbiet għal żmien tŭil u biex iħajjru in-nies għa'x-xorb biss.

Lotter għaldakstant gie illiberat.

Chiecu kabel iħabbat in-nies jaħsibha ftit aħjar, jagħmel figuri ŭisk isbaħ.

L-Ispettur Calleja hu ħabib tiegħi ħafna iżda l-indipendenza ta' ġurnalista hi ta 'min igħożża iżjed.

*Amicus Plato sed magis amica veritas.*

# Il Ghasel ta'n-"Nahla"

Imbagħad xi ħadd irid igħid li jiena ma inhix induk il għasel ta'n-"Naħla.'' Akraŭ dina l-ittra u taraŭ chif dana il flien kiegħed igħid chelma b'oħra.

27 ta Jannar 1902.

Għandi mottiv illi nirringrazzjac ŭisk m'il fastidju li inti kgħat tiħu bigħa bgħat nitolboc l'eŭŭel numri tan-nahla 1-2-3 u fis ir-rispondeitni.

U la irrispondeitni minn fommoc u l-ankas minn banda oħra. Cont ingħit pacenzja illi chicu ma ħallasticx ta sena kuddiem; mela li ma ħallastecx x'cont tibgħatli? imma inzertait ŭieħet minn dauc il galantomi.

Għaraft sibtni biex għaziltni uiħet mis-socii tigħec u ac-cettait imma ma għarafc kdejtni f'illi bgħat nitolboc

Carmelo Camilleri
tal Hamrun.

Lil dan l-imsieħeb gentili irrid ingħarrfu illi f'idejja katt ma geŭ ittri b'it-talba tiegħu; u illi jiena katt ma tlabtu li jcun imsieħeb għa'x ma chelli katt l-unur li nagħmel conoxxenza hecc ta' min igħożża. Documenti minn dina il għamla hemm bżonn li jibkgħu stampati biex juru fejn għadna u x'għasel iduk min isaħħan rasu u jgħarrak saħtu biex jonġor xtur il poplu baxx malti.

# X'gharucaza !

Lil Ġanni Segond ta'l Vicolo Sant' Antonio ta' Ta's-Sliema.

Jiena krajt l-articolu li bgħattli biex ingibu f'in-"Naħla u iddispjacieni ħafna li incun naf (jecc hu minnu dac li ctibtli) li haŭn tobba hecc vili li jabbużaŭ b'dac il mod icreħ chif dac it-tabib li semmejtli abbuża fuk martec marida u tmiien tijiem ŭara il ħlas. Issa li, chif għeddtli, għamilt rapport lill Pulizija u il ħaġa tigi sgur kuddiem il Korti, meta nara chif tibka il biċċa nitħaddet fukha aħjar u f'it-tul.

# FRAC

Romanzi ħżiena ilhom ħafna jiġru f'il pajjis bi ħsara cbira ta'l klub ta'ż-żgħażaħ tagħna. Chien hemm bżonn ta' Romanzi sbiħ iżda xierka u għal dan sejjer jaħseb il ħabib tagħna G. M. Tanti ta' Ħa'ż-Żebbuġ li sejjer joħroġ m'il l-Istamperija Fenech ta' Strada Brittanica, 118, il Belt, IR-ROMANZIER MALTI b'is-sensja ta'l Cnisja.

L-eŭŭel rumanz sejjer icun "ID-DELITTI TA GIACBU GARAUD."

Il ħlas hu ta' erba xelini f'is-sena u joħroġ faxxicolu cull gimgħa b'sittax il faċċata, jeŭ sold in-numru.

Nixtiekulu cull risk għal gid ta'l poplu.

***

It-Tabib Baldacchino ta' Ħal Tarxien gie imkiegħed f'Ħal Kormi f'loc it-Tabib Naudi. Il Kriema tilfu f'it-Tabib Naudi m'hux biss ŭieħed m'il l-aħjar tobba li għandna f'Malta iżda bniedem ta' kalb ħanina u li jħobb il fkir; iżda jistgħu jibkgħu sguri li f'it-Tabib Baldacchino sejrin isibu ucoll tabib m'il l-aħjar u li ma'l fkir igib ruħu bi ħniena m'hux ankas minn dic ta' l-ieħor. Aħna nifirħulu b'kalbna collha.

***

Billi il fatt ta'n-"NAVE ROSSA" hu ftit imkagħbar ma gibtux f'in-"Naħla,'' biss ingħidilcom li għal min iħobb musica ħelŭa u sabiħa jista jmur il Manoel chemm irid għaliex jieħu pjacir tasseŭ, u l-actar billi m'hux biss fiha it-tenur Carlini u il primadonna Ogrodska icantaŭ tajjeb ħafna, iżda ucoll għaliex taħt il bacchetta ta'l bravu surmast ta'l orchestra De Cristofaro il musica timxi tajjeb ŭisk tant li f'Malta geŭ "ibbissati" bcejjeċ li f'pajjisi oħra bakgħu miexjin lixx.

Issa kiegħda issir id-"Dannazione di Faust" opra cbira ta'l famus Surmast Berlioz u li daŭc collha li jħobbu musica bi'l chif sgur li jieħdu pjacir biha. Fuk dina l-opra nitħaddet il kuddiem meta nismagħha seŭŭa.

***

Nirringrazzja b'kalbi collha lil Cumitat ta'l Casin "Stella Levantina" ta' Ħ'Attard, m'il l-istedina li għamluli; u jiddispjacini li ma stajtx immur. Meta għażlu bħala President-Onorarju lil Marchis Paŭlu Apap Bologna ma setgħux jagħmlu għażla aħjar u għalhecc nifirħilhom ŭisk.

***

Għoġobni ħafna il ħsieb ta's-Sur Ant: Vella ta' Bormla li nagħmel premju għal minn jictibli, b'il malti, l-isbaħ raccont għa'n-"Naħla"; u biex nurieh li għoġobni tasseŭ sejjer nagħmel dan il concors:

**Lil min jictibli sa l-ahhar ta' Frar raccont originali, b'il malti, li ma jiehux actar minn zeug faccati u m'hux ankas minn uahda u nofs ta'n-"Nahla" natih ctieb bl-ingliz jeu b'it-taljan li ma jcunx ikum ankas minn hames xelini.**

Is-soġġett irid icun meħud m'il l-istorja ta' Malta jeŭ ta' Għaŭdex u jrid icun mictub bl-ortografija ta'n-"Naħla".

It-tieni u it-tielet jiġu stampati ucoll jecc icunu jridu igibuhom.

Nitma li jaċċettaŭ bħala ġurati is-Sur Tagliaferru, is-Sur Muscat-Azzopardi u is-Sur Nin Muscat jeŭ is-Sur Ġann Vassallo.

Jecc ma jerskux għal-lankas għaxra, jeŭ jecc il ġurati jgħidu li l-ebda raccont ma għoġobhom il premju ma jittieħitx. Ma cull raccont ħadd ma għandu jicteb ismu iżda jagħmel xi chelma minn rasu fuk l-envelopp u jagħlak ismu minn geŭŭa biex jinfetaħ ŭara li jiddecidu il ġurati. L-istess chelma li jicteb fuk l-envelopp għandu jiffirma biha ir-raccont. Nitma li ħafna jitħajjru u jecc dana il concors jintgħoġob nagħmel bħalu spiss.

Trid taf ucoll min irranġali in-nuċċali tiegħi. Ingħidlec ucoll. Jiena ucoll għandi xi ftit ta'l astigmatismu f'iż-żeŭġ għajnejn, barra milli jiena miope igifieri corta vista; iżda minn mindu l-intelligenti Tabib Carlu Manchè, bin l-imfaħħar Professur, irranġali nuċċali tajjeb hu inħossni inħjejt; u bagħat gibulhi hu stess minn Dar famusa ta' Parigi bi ftit xelini. Jecc tara biss b-liema pacenzja, b-liema rekka, u chemm idum sa jeżaminalec għajnejc tippersŭadi ruħec li jakdi dmiru b'il cuxienza collha.

Dana barra milli għallmu missieru stess, mar għal snin l-Inghilterra, Franza u l-Italja biex jistudja il mard ta'l għajnejn u cull min jafu seŭŭa jgħid li irnexxa ferm. Jiena urejt għajnejja lil Professuri gŭappi barra minn Malta u colha kaluli li in-nuċċali ma chellix għalfejn immissu għaliex chien magħżul tajjeb ferm.

Mela issa li fehimtec dac collu li xtakt u ŭara li għedtlec ucoll jien u it-tabib Inglott għand min immorru biex jagħżlilna in-nuċċali la titlifx żmien għaliex il għajnejn huma għeżież ŭisk u jecc ibagħbashomloc min ma jifhimx idur b'rasec.

**Lil S. V. V.** (Hal-Luka)

Għandec raġun. It-tŭiegiba sabiħa, fuk il mard ta's-sider, ta't-Tabib Inglott, ilha għandi iżda billi cont imħabbat ħafna ma chellix żmien naklibha għal malti. Għandi ucoll għal xi ħadd m'ir-raħal tiegħec l- "Istoria ta' Ħal Luka" li għadni ma gibtx għal l-istess raġuni. Iżda, min jabka ħaj, malli insib tarf ta'żmien niccuntentacom.

**Lil M. G.** (Il Belt.)

Iva, barra m'il Volapuk u l-Esperanto chien hemm ħafna lingŭi oħra universali li ma irnexxeŭx. L-eŭŭel sistema li nafu bih chien dac ta'l għaref filosofu francis Leibniz, xi mitejn u għoxrin sena ilu. Minn dac sa'l-lum nistgħu ingħoddu ma'l mitt sistema ieħor; u jecc trid takra xi ħaġa sabiħa fuk dan ixtri il ctieb famus ta Couturat u ta' Leau imsejjaħ "Histoire de la Langue Universelle". Illum barra m'il l-Esperanto hemm ucoll l-Ido, l-Idiom Neutral, l-Universal, li Spokil u il Langue Blue ta Bollak li għadhom iferfru. L-Idiom Neutral u l-Universal ta't-Tabib Molenaar ta'Monaco huma tista tgħid l-istess ħaġa bhal l-Ido, u dana ma hux ħlief l-Esperanto imseŭŭi; u, billi il Langue Blue u li Spokil ma laktux, naħseb li b'iż-żmien l-Ido jcun is-sistema li jigi milkugħ minn cullħadd għaliex billi hu l-aħħar ŭieħed, ħa it-tajjeb ta'cullhadd u ŭarrab l-isbalji ta's-sistemi l-oħra. Iva, hemm ġa ġurnal sabiħ ħafna bl'Ido imsejjaħ: "Progreso" u hemm grammatica, dizzjunarji, cotba ta'l esercizzji u xi cotba oħra ucoll.

**Lil P. G.** (Floriana)

Iva, f'il Cnisja ta'S. Gŭann tagħna hemm midfuna mara ŭaħda biss, u dina hi in-neputija ta'l Gran Mastru De Rohan. Tasseŭ li in-nisa jdaħħlu denbhom f'collox!

**Lil M. A. B.** (Sliema)

Iva, dac li smajt hu minnu. Jiena krajt dina il ħaġa fl-istudju sabiħ li għamel ir-Reverendu ingliż Bedford fuk Malta f'il "Portfolio." Dana jgħid li Napuljun meta ra il Port tagħna issaħħar ŭarajh u ŭaħħal f'rasu li malli jirbaħ l-Egittu fejn chien sejjer chellu jigi jibni palazz f'loc ta'Bighi u jokgħod fih biex minn Malta jcun jista jaħchem id-dinja li chien rebaħ. Iżda billi fl-Egittu kala xebgħa chif tmiss m'il l-Ingliżi, f'il battalja famusa ta'Abukir, il ħsieb ta'rasu arralu.

**Lil A. B.** (Il Belt.)

Li tagħmila ta' surmast m'hux biss hi ħaġa ta'min jistħi minnha iżda ta' min ifaħħarha ferm. Bosta Slaten kalgħu x'jieclu billi għallmu lil ħaddieħor. Akra ftit.

Lŭigi Filippu, li imbagħad laħak Sultan ta' Franza, fl-1830, ħarab minn hemm fl-1793 meta chien għadu Duca ta' Chartres meta sama li irrivoluzzjonarji ħarġu ordni biex jarrestaŭh; u mar fl-Isvizzera, u hemm ma oħtu Adelajde baka jiġġerra kalb il muntanji għal xi żmien; u taħt l-isem ta' Chabaud-Latour għallem il geografija u il matematica fl-iscola ta' Reichenan, ħdejn Chur.

Id-Duca Federicu Cristjanu ta' Schleswig—Holstein laħak Sultan ta'd-Danimarca fl-1863. Kabel dan id-Duca chien ikir ŭisk. Uliedu il bniet, li ŭara ŭaħda minnhom laħket Imperatrici ta'r-Russja u oħra Principessa ta'l Galles chellhom iħitu ħŭejjiġhom huma stess: u id-Duca missierhom, biex igħin ruħu għa'x ir-renti li chellu ma chienux b'iż-żejjed chien jati lezzjonijiet ta'd-disinn f'Jugenheim fejn Darmstadt u fi Frankfort ta' fuk il Menu.

Insibu mictub ucoll li Dionisju li chien isaltan fuk Siracusa meta dina chienet belt famusa, ŭara li gie esiljat l'eŭŭel għamilha ta' surmast u imbagħad ta' barbier.

**Lil F. G.** (Il Birgu.)

Scond il ftehim li hemm stampat fi'l gazzetta l-abbonament hu għal sena, minn Settembru 1908 sa Aŭŭissu collu ta'l 1909; u għalhecc ma għandec l-ebda dritt li tragga il gazzetta l-ura. Jecc ma tridhiex ħsiebec; iżda, b'mod jeŭ ieħor, tħallas l-abbonament ta' sena.

**Lil M. A.** (Il Belt.)

L-abbonament ta'n-"Naħla' jibda cull tliet xhur biex ma jcollniex ħafna confusjoni f'ir-registri: u għalhecc l-abbonamenti jistgħu jibdeŭ m'il l-eŭŭel ta' Settembru, ta' Dicembru, ta' Marzu u ta Gunju biss. Min irid jissieħeb f'ix-xhur l-oħra jista iżda jcollu jieħu in-numri ta' daŭc it-tliet xhur collha li jcun issieħeb fihom.

**Lil P. N.** (Il Belt.)

Għad li il mistoksija tiegħec hi ftit impertinenti iżda jiena irrid inŭiegħbec billi ma hemm xejn ħażin. Trid taf għala ġarrejt l-Istamperija u għalakt l-uffiċċju ta' kuddiem S. Gŭann?

L-eŭŭel raġuni chienet din li billi in-numru ta'l imsieħbin ta'n-"Naħla" chiber ħafna ma satax icun li incompli nistampaha b'it-torcju li chelli: u macna ma stajtx ingib billi il post li chelli chien żgħir u fuk sakaf; u barra minn dana il ġbid bl-idejn m'hux biss ikum iżjed iżda jdum iżjed ucoll. Issa li l-istamperija tiegħi tgħakkdet ma dic ta's-Sur Ġann Critien li għandu macni famusi, ix-xogħol ta'n-"Naħla" jista jsir aħjar, actar malajr u orħos u b'hecc l-imsieħbin ta'n-"Naħla" nitma li ma igħemgmux iżjed li il ġurnal stampat ħażin jeŭ li dam ma ħareġ.

Raġuni oħra chienet din li meta il kattus jorkod il grieden toħroġ tisfen; u malli nillarga m'il post jien f'loc xogħol chien isir zuffjett, u jiena b'il fors cont irrid ma tul il ġurnata nillarga biex immur il Korti għaliex jiena ma jakbillix nitlef il ġobna għal kaleb. Issa ix-xogħol sejjer isir taħt għajnejn Antonio Agius, il protu intelligenti t'a' l-"Empire Press" ta's-Sur Critien, u għalhecc m'hux biss cullħadd jirzitta fuk xogħlu iżda isir xogħol aħjar għaliex Antonio Agius hu ŭieħed m'il l-aħjar stampaturi li għandna u jifhem ħafna fejn jiena ma stajtx nifhem ħlief ftit.

Il conclusjoni tiegħi tiġi ùieħidha. La inġarret l-Istamperija ma chienx jakbel li ùieħed jitgħabba b'chera għali biex iżomm l-ufficcju biss u għalhecc intgħalket il bejta ta'n-"Naħla." Li ùieħed iżommu għal cotba meta ma jistax jokgħod fih ku lankas jakbel għaliex m'hux is-sriedek biss inakkru iżda xi impiegati ucoll; u ta' cull jum igħallem.

Mela xejn la tieħdu bi cbir dana il pass tiegħi. Iffrancajt flus, ħsieb, inqùiet u tkattiegħ ta'l imsaren; in-"Naħla" toħroġ isbaħ u f'ħinha; incun liberu il ġurnata collha biex nilħak ma' xogħli u nokgħod nicteb in-"Naħla" b'il qùiet; u intom l-imsieħbin irbaħtu ucoll għaliex minn dac li sejjer niffranca xi lagħka premji tieħdu sgur, u meta jcolli iż-żmien u il qùiet xi ħaġa aħjar f'in-"Naħla tidher sgur. Tgħid forsi bħal xi uħud li inkalleb ħafna. "Sapientis est mutare consilium" igħid proverbju latin antic ħafna, u li jfisser li min hu għaref ibiddel il fehma tiegħu u il ħmar biss iùaħħal rasu ma'l ħajt u ma jaklagħhiex iżjed.

Mela m'il-lum il kuddiem jecc trid tictibli xi ħaġa ibgħatli l-ittra id-dar 12, Strada S. Vincenzo, Ta's-Sliema fejn tista issibni jecc tcun trid tchellimni ùara nofs inhar. Jecc tcun trid tchellimni f'il għodu fittixni il Korti t'Isfel, il Belt, m'ittmienja u nofs sa nofs inhar; u jecc trid tħalli xi risposta jeù xi flus mur għand il Fotografu Vella, ta' Strada Rjali ta'l Belt, seùùa seù kuddiem fejn chien armat Urżi, u ma' ġenb Colombos ta's-sigarretti u hemm tinkeda għaliex hemm tinsab l-Agenzija ta'n-"Naħla"m'il-lum il kuddiem u minn hemm tcun tista tixtri in-"Naħla," il "Maħbub ta' Gesù" u is-"S. John's Church" tagħna.

Barra minn dana issib ucoll cartolini, albums m'il l-ifien m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas u jecc titla sa fuk, is-Sur Vella jieħodloc ritratt sabiħ li għa'x-xogħol ihabbatha ma l-aħjar fotografi ta'l Belt.

Mela ftacar li in-"Naħla" ġarret ix-xehda tagħha minn fuk S. Ġùann għal Strada Rjali, u li cabbret l-Istamperija tagħha.

**Lil G. F. D.** (L'Isla.)

Jecc ir-ragel icun kiegħed isaùùat lil martu li tcun oħtoc għandec id-dritt collu li tiddefendiha billi iżżommu li ma jcomplix isaùùatha jeù billi tneħħihielu minn taħt idejh; iżda li tmidd idejc fuku biex issaùùtu le. Jecc meta takbeż għal oħtoc chif għedtlec fuk jaħbat għalic, allura għandec id-dritt li tiddefendi ruħec ucoll.

Ir-risposti tiegħec għoġbuni tista tgħid collha u għalhecc tista tibgħat tieħu premju.

**Lil C. F.** (S. Giljan.)

Biex inùieġbec irrid insaksilec. Malli incun naf nirrispondic.

**Lil C. Barbara** (Il Birgu).

Għandec raġun iżda emminni li għadni katt ma sibt qùarta żmien biex neżamina daùc id-documenti. Issa li nżżiħajr l-Alla ħlist m'it-taħbit ta'l-lavranti incun nista narahom b'il qùiet u inùieġbec.

**L'Is-Sinjura Carm: Caruana** (Ta's-Sliema).

Ir-risposti tiegħec m'hux biss għoġbuni ħafna iżda huma l-aħjar li ircevejt. Għaldakstant ibgħat għal premju. Tajtni pjacir meta għedtli li in-"Naħla" tiegħi kiegħda tittajjar ta' cull ġimgħa sa'l Gżejjer Filippini (xaħar safar bogħod) u li kiegkdin jakraùha b'il fejda.

Irrid chiecu inżid bħal ma għedtli xi raccont allegru, iżda billi hemm ir-romanz ma'rridx nimla in-"Naħla" f'loc b'it-tagħlim b'ir-racconti li huma duħħan bla xiùa. Fuk il coltivazzjoni ta'l fjuri chien ùiegħidni xi ħaġa is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi iżda billi rasu imbixcla bħali b'ħafna xorti nesa. Nitma li jiftacar u jiccuntentac.

# IS-SAHHAR FALZUN

## ROMANZ MALTI ORIGINALI

TA

## AGOSTINO LEVANZIN.

Il Gran Mastru feraħ bla tarf meta ra li chiseb inginjier ta' ħila hecc cbira f'ùakt li chien tant jinħtieġu; u feraħ ùisk actar meta dana Martinengo, li chien imnissel minn gidd nobbli ħafna, talbu biex jidħol Cavalier magħhom u jħalli il post tajjeb li chellu f'Candja. Il Cunsill ta' l-Ordni laka b'il ferħa ùcoll it-talba ta' Martinengo, libbsuh Cavalier u l-għada il Gran Mastru m'hux biss għamlu Gran Cruċ, iżda erħielu f'idejh il ħacma ta's-sùar collha billi chien jaf li f'daùc iż-żmienijiet ftit inginjieri oħrajn chienu jistgħu jħabbtuha miegħu; u biex jagħmlulu il kalb ħargulu f'is-sena l-istess paga li chellu ma'l Venezjani sa chemm titbattal xi commenda jeù xi priurat.

Il Cavalier il ġdid Martinengo seùùa is-sùar m'il l-ahjar li sata u bena xi oħrajn ġodda. Iżda, malli il Gran Mastru serraħ rasu minn dana il ħsieb inkalagħlu għaùġ ieħor. Il Papa Adrianu Sitta chien ħa taħt idejh xi commendi ta'l Cavalieri Taljani u daùna nafru bla kies u talbu lill Gran Mastru biex iħallihom imorru Ruma biex jitolbu lill Papa li jarġa jatihomlhom. Il Gran Mastru ma satax igħid iva, għaliex ma chienx jakbillu li jitlef minn Rodi ħafna Cavalieri kalbiena seùùa seù lejliet l-assedju. Damaral, li chien dejjem ifittex ix-xagħra f'il għagina biex ichesches contra L'Isle Adam, seùùes lill Cavalieri Taljani biex igħaddu ta' rashom u jmorru minn jeddhom; u daùna, bla ma fehmu il kerk tiegħu, taù ùiden għall cliemu u telku f'dakka lejn Candja. Il Gran Mastru far għalihom, sejjaħ il Cunsill u gigħel li daùc il Cavalieri collha ma jcunux iżjed magħduda fl-Ordni billi, kal hu, beżgħu m'il l-assedju u sabu scuża biex jaħirbu m'ittakbida ma'l l-egħdeùùa ta's-Salib.

Meta il Cavalieri Taljani semgħu dana għeleù ħafna għaliex ma riedux jiġu magħduda bħala nies ta' kalb giefja kuddiem id-dinja. Għaldakstant reġgħu daùùru denbhom lejn Rodi, inxteħtu f'riġlejn il Gran Mastru jitolbuh maħfra u jùieġħduh li għandhom jaħslu din il ħtija tagħhom b'demmhom u b'demm l-egħdeùùa.

Il Gran Mastru lakagħhom b'il ħleùùa u m'hux biss ħafrilhom iżda ùiegħidhom li għandu jagħmel chemm jista biex il Papa jarġa jatihom l-ura dac li ħadilhom; u b'hecc il chiefer Damaral raġa ghiddem xuftejh bl-inchejja billi ra li ma nifedx biex jisfratta il daùc il cavalieri seùùa seù lejliet l-assedju li hu chien jaf li ma chienx f'il bogħod.

F'dal ħin iffaċċat il kaddejja ta'l Barunissa Ingŭanez li staksiet lil Ħachem jecc Carmena chienitx ŭaslet hemm, għaliex Ambroġ chien kiegħed italla u iniżżel għala iddaŭŭret u jecc ma gietx ried joħroġ ifittixha hu.

Il Ħachem kallha li Carmena chien għadha ma gietx u li hu chien bagħat lil Ħamid biex jara jecc chienitx ŭakfet għand il Barunissa biex tati dakka t' id lil Marija.

Il kaddejja kaltlu li Ħamid chien gie staksa u ŭieġbuh li Carmena ma deħret xejn hemm u li hu chien telak biex iŭassal it-tŭiegiba lil Ħachem.

Il Ħachem kal lil kaddejja:—"Fittex mur u għid lil Ambroġ li jati dakka ta' għajn hu sa 'l Grotta biex jara Carmena chienx għadha hemm; u jecc f'it-triek tiltaka ma' Ħamid għidlu ma jokgħodx jitniccher għaliex għandi x'nanbieh.

Il kaddejja sellmet, kalet iva u ħarget.

"Min jaf" kal il Ħachem l'is-Sur Kalamias "jecc Carmena ħassiex ħażin jeŭ ġralhiex xi ħaġa ? Katt ma damet daks hecc; kiegħda tħassibni ħafna."

"Ħaġa żgħira li iltakgħet ma xi habiba tagħha u bakgħet titħaddet, u inti taf bħali li ix-xebbiet meta jibdgħu jitħaddtu, u l-actar fuk xi ħaġa ħelŭa, il ħin ma jaraŭhx għaddej. Cheċċi da 'l flieles li daħħalt f' rasec u compli isma l-istorija li bdejtlec . . . ." u compla jgħid:—

*(Jissocta.)*

L-isbah tifħir li jista jcollu bniedem ŭara meŭtu hu il bichi u il għali li jagħlu għalieh daŭc li jibkgħu ŭarajh.

**Is-Sinjura EMILJA FRENDO MICALLEF**

ŭara marda kalila, halliet dana il ŭied ta 'd-dmugħ il gimgħa l-oħra mibchija minn cullhadd għaliex chienet tassew mara tajba u ħanina. Alla jati is-sabar lil żeŭġha, lil ħuha it-Tabib Naudi u lill familja tagħha collha, u lilha il mistrieh ta' dejjem għal l-għamil tajjeb tagħha.

Nirringrazzia b'kalbi collha l'is-Sur Gaetan Gauci-Tramblett ta'l ctieb li għoġbu jibgħatli "MARIA VALDES". Dana hu raccont malti, mictub b'taljan safi safi, li jitħaddet fuk ġrajja li tbicchi ta żmien il Cavalieri. Is-Sur Gauci-Tramblett hu magħruf minn cullħadd għal ħila tiegħu fl-Istorja ta' Malta u bħala chittieb b'it-taljan u il ctieb sabiħ "L'Assedio di Malta" hu b'iż-żejjed biex jixhed dan li kieghed ingħid. Dana il ctieb jinbieh tliet soldi għand is-Sur Tua.

## IL PREMJU.

Id-Dizzjunarju Ingliż u Taljan, li ħakku lira f'il ŭisa, ħadu is-Sur Fons Kissaun ta'l Imghieret u għalecc jista jibgħat għalieh.

Is-Sur Fons chien dejjem ŭieħed minn ta' l eŭŭel li rafa klugħu biex gie ħallasna minn jeddu; u b'hecc għamlilna il kalb u li chiecu l-imsieħbin collha jagħmlu bħalu in-"Naħla" tmur ħafna aħjar u incun nista nagħmel ħafna premji oħra.

# Lil L-Imsiehbin.

Daŭna għandhom imħallas sa 'n-numru 26.

277 Sajan Emle: - Belt; 278 Scicluna Fco: - Ħamrun; 279 Padre Sebastiano - Furjana; 280 Said Fco. - Ħal Tarxien; 281 Scicluna Clo. - Belt; 282 Sammut Paolo - Sliema; 283 Schembri Ant: Belt; 284 Scicluna Fco. - Ħal Kormi; 285 Spiteri Emle.-Ħamrun; 286 Sammut Gius:-Belt; 287 Schembri P.L. Gius: - Belt; 288 Sacco Luigi - Ħamrun; 289 Serracino Ant: L'Isla; 290 Spiteri Rr - L'Isla; 291 Saccasan Gius: - L'Isla 292 Scicluna Pio. -Sliema; 293 Sammut Giov: Sliema; 294 Spiteri Emle.-Bormla; 295 Sapiano Lorenzo-Rabat 296 Sciortino - Scultur - il Ħamrun; 297 Saliba Isp: Antonio B'cara; 298 Sciberras Sac: Prof: Fcc:-Belt; 299 Saydon Not: G.B. 300 Soler Sac: Giov: Calcara; 301 Spiteri Gius; - Ħamrun; 302 Thoma Enr:-Ħal Luka; 303 Toglia Isp: L.-Ħamrun; 304 Tabone Sac: Gius: - Żebbuġ; 305 Theuma Grima V. Ħamrun; 307 Tabone Caruana Giov:-Ħal Balzan; 308 Tonna Carmelo - Belt; 309 Ungaro Sergt. Gius: - San Giljan; 310 Vella Alf: - Furjana; 311 Vassallo Don Vinc: - Ħal Luka 312 Vella Sac: Ant: D.D. - Ħal Luka; 313 Verzin Filippo Ħamrun; 314 Vella Ant; Ħamrun; 315 Valenzia Giov: Bormla; 316 Vella Vinc: - Sliema; 317 Vella Francesco Sliema; 318 Vidal Enr: - Bormla; 319 Vella Salv: - Belt 320 Vincenti Gius: - Belt; 321 Xuereb Lorenzo - Belt; 322 Xerri Vinc: - Naxxar; 323 Zammit Plo. - Ħal Kormi; 324 Zerafa Ant: - Ħamrun; 325 Zammit Carmelo - Belt; 326 Zammit Clo: - Ħamrun; 327 Zammit Alf:-Belt; 328 Zammit Vinc: - Belt; 329 Zammit Luigi - Belt: 330 Żarb Cousin Plo. Belt; 331 Zahra Gauci L; - Birgu; 332 Zammit Bernardo Ħamrun; 333 Eduardu Axiak Mifsud P.L. - Belt; 334 Not: Fco. Giorgio Schembri - Ħamrun; 335 Sac: Claudio Fiteni Zejtun; 336 Ant: Cremona - Ħal Luka; 337 Alfredo Diott Raħal Ġdid; 338 Prof: Ullo Xuereb - Belt; 339 Lor: Mercieca Audibert, Belt; 340 Raf: Euħagiar - Siġġieŭi; 341 Micallef Browne - Belt; 342 W. Griffiths - Bormla; 343 Sac: Alf: Gauci - Cappillan ta'l Gudja; 344 Mich: Mifsud - Gudja; 345 Gio Maria Tanti - Ħa'ż-Żebbuġ; 346 Antonio Formosa Rabat; 347 Bonett Carm: - Belt; 348 Borg Tancredi - Sliema 349 Gatt V. - Raħal Gdid; 350 M. A. Bonavia - Naxxar li ħallas s'an-nu. 39 ucoll. 351 Onor: F. Azzopardi P.L.; 352 G. Frendo-Azzoppardi Assist: Supr:; 353 Tanc: Curmi M.V.O. Supraintendent ta'l Pulizija; 354 Salv: Agius - Belt; 355 C. Borg M.D. - Floriana; 356 Aɔh: Buscemi-Floriana; 357 Patri Prof: A. Cuschieri, Provinċjal ta'l Carmnitani; 358 E. Engerer, Maġġur R.M.M.; 359 Cost: Fenech P.L. B'Cara 360 Salv: Flores - Belt; 361 Oreste Grech Mifsud L.L.D. 362 Gaetano Gauci-Tramblett; 363 Bar: Nicola Galea - Belt; 364 Onor: Camillo Gatt; 365 L-Imħallef Ant: Micallef; 366 Stef: Micallef, Assist: Avucat ta'l Curuna; 367 A. Muscat-Fenech; 368 Prof: Carmelo Mifsud M.D.; 369 F. Messina L.L.D. 370 Gius: Naudi - Misida; 371 L-Imħallef G. Pullicino; 372 Aug: Scicluna - Floriana; 373 M. Soler - Birgu; 374 G. Tanti Bellotti - Floriana; 375 Negte Girol: Tagliaferro; 376 Prof: Cav: Nap; Tagliaferro; 377 Bar: Testaferrata Abela C.M.G. 378 James Gollcher; 379 J. Dunkerley - L-Isla; 380 Dr. Gaetano Darmanin - Floriana; 381 Pio Debono-Naxxar; 382 Salv: Mercieca-Floriana; 383 Ant: Mifsud-Sliema; 384 Giov. Segond - Sliema; 385 C. Sant - Ħal Għargħur; 386 Bart: Bartolo - Ħal Ghargħur; 387 J. Degabriele - S. Giljan; 388 Can: Sac: G. Zammit - B'Cara; 389 Gius: Borg - Korti ta Fuk; 390 Alf: Urso, Dentista ħallas sa'n-numru 52; 391 Patri Sebastjian, Capuċcin sa'n-anmru 39; 392 Mosè Callus u 393 Sac: G. Grech ta' Ħa'ż-Zebbuġ sa'n-numru 52; 394 Ang: Cutajar ta' Raħal Ġdid sa'numru 39; 395 C. Medati ta'l Belt sa'n - numru 52; 396 Sac: Dimech u 397 Sac: G. Mifsud ta'l Mosta san-numru 39.

Jecc hemm xi ħadd li ħallas ta' sitt xhur u ma hux imniżżel f'dina il-lista igħarrafni u jecc għandu ir-ricevuta jibgħat igħidli x'numru fiha; jecc ma għandux ricevuta igħarrafni lil min ta' il flus.

A. LEVANZIN.

HAREĠ IL CTIEB SABIH

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL HAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIHA "SAN ĠŬANN EVANGELISTA F'PATMOS." DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOXRIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN HA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH HALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIH.

A. LEVANZIN.

★

F'iċ-**Circolo Brittannia** ta'l Furjana nhar is-Sibt (6) u nhar il Hadd (7) li ġejjin sejjer isir programm sabih hafna b'iċ-Cinematografu; il pellicola tŭila fuk l-elf metru u s'issa għadu hadd ma gieb ŭahda interessanti daksha. Dina turi il hsara ta' Messina u ta' Reggio; chif chienu daŭna l-ibliet kabel it-terremot; il vapur-ta'l-art imchisser u mitfugh il bahar; il bahrin russi u ingliżi kieghdin isalvaŭ in-nies; il kliegh ta'l catavri minn taht ir-radam; il catavri mehudin gha'd-difna u hafna xeni ohra interessanti.

Ir-rappresentazzjonijiet isiru ŭahda f'it-3; ohra f'il 5, u l-ahhar ŭahda f'is-7 ta' f'il ghaxija. Min imur, jara haġa interessanti tasseŭ.

## L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭiehed m'il ahjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizziali NAVALI U MILITARI, u mill'ahjar tfal ta't-Tliet Ibliet u ohrajn li jokgħodu f'postijiet actar fil bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Inglisa, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija,. Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Daŭc li iridu jicconcorru għall'esamijiet għal daŭn iż-żeŭġ Dipartimenti għandhom f'dan l'Istitut classi speċjali għalihom.

Ir-risultati dejjem chienu brillanti u it-tfal dejjem otteneŭ l'ahjar postijiet f'il-lista ta' l'esamijiet.

Informazzjonijiet ohra jistgħu jittiehdu minn għand id-Direttur.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejh mobbli ta'l geŭs u ta'l caŭba m'il l-isbah u bi prezzijiet irhas. Min jipprova jchroġ għal kalbu sgur.

Min irid ipejjep sigarri 'Verginja" ta'l ahjar qŭalità jixtri daŭn li jinhadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Min irid jiecol tajjeb, b'irhis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofssa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Dŭardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieh sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jilka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irhis.

Min irid jixtri sapun tajjeb u żejt ġdid m'il l-ahjar imur għand Agius u Galea, 1 B Strada Levante, il Belt u jtenni.

Min irid jixtri xogħlijiet tasseŭ sbieh ta'l archett imur f'il Crystal Palace Hotel, Piazza Chiesa, Hal-Luka, għand Ghejtu Camilleri.

Min irid jixtri gażużi u birra ibbottiljata m'il l-ahjar imur għand Fonsu Borin, Str. St. Antonio, il Birgu.

Min irid jixtri bi rhis machinetta li tagħmel timbri ta'l cauxù imur għand Filippu Verzin, 31 Str. Reale, il Hamrun.

Jecc xi hadd irid jinkeda b'cummari tajba jsejjah l'is-Sinjura F. Themma Grima ta'l Hamrun (27 Str. Reale) u johroġ cuntent.

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Hal Lija u tcunu tridu tallugġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' lejn Sant Anton.

It-tabib Enrico Cauchi ta' Bormla għamel cors barra minn Malta biex jeżamina l-urina seŭŭa. Għalecc min irid jeżamina l-urina tiegħu chif titlob ix-xjenza jmur għandu, fuk Santa Margherita, u jonfok flusu f'is-sod.

Jecc xi hadd irid jitgħallem jagħmel xorbijiet bi rhis u m'il l-ahjar imur għand Adrian Sammut ta' Piazza St. Agostino ta'l Hamrun.

Min irid ikatta tasseŭ nofs siegha mogħdija ta'ż-żmien u jiehu pjacir imur jeŭ ic-Cinematografu-Cummerċ jeŭ f'ic-Cinema Iperia ta' Strada Rjali għaliex it-tnejn icollhom dejjem pellicoli m'il l-isbah.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligh u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Rahal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min icollu bżonn li jircanta jeŭ jistma xi haġa, jeŭ min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeŭ mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeŭ fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfabhra Dar ta'l fjuri u siġar, Nastasi e Figlio. Dal ŭakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jiehu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u hamrija ta'l felci. Min irid jordna xi haġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokgħdu il Belt, il Furjana jeŭ l-Imsida hemm omnibus apposta biex jiehodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jiehu hsiebhom.

Mia irid jixtri ctieb b'il malti, ta' 300 faċċata, sabih ŭisk li jfisser cull ma tagħmel il Cnisja ma tul is-sena jibghat Għaŭdex, il Kala, għand Dun Manŭel Galea, 53 Strada Migiarro. Ikum xelin il ŭiehed, bi't-tuzzana 10 soldi.

Min irid icollu fuku libsa mehjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridutpejjpu sigarretti m'il l-ahjar u m'il l-orhos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il hŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Stamperija "EMPIRE 39 Strada Zecca, il Belt.